MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 70/2007

Kawza fil-lista: 52

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu f' Malta fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999), liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv tnejn, tnejn, sitta, erbgha sbarra disgha u disghin (2264/99) (Dok. A);

2. Illi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal;

3. Illi z-zwieg taghhom hu vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drttijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess, kif ukoll stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Ukoll illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed mill-elementi taz-zwieg;

5. Illi dan kollu kif ser tipprova l-attrici waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi l-partijiet illum huma separati bonarjament b’ att ippublikat min-Nutar Dottor Rachael Busuttil tal-erbatax (14) ta’ Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u li permezz tal-istess ghazlet li tirriverti ghall-kunjom xbubitha, cioe’ “B”;

7. Ghalhekk dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’ mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f’ Malta fit-18 ta’ Dicembru tas-sena 1999 (Dok A) huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’ mod partikulari a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Rat ir-rapport[1] tal-Psikologa Mariella Blackman, minnha konfermat bil-gurament;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-18 ta' Dicembru 1999 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjalii tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu izzewgu fit-18 ta' Dicembru 1999 meta allura l-attrici kellha 28 sena u l-konvenut kellu 26 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa hames snin il-partijiet isseparaw de facto, u fl-14 ta' Novembru 2006 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

Illi l-attrici tghid li sa mill-bidu ta' l-gherusija r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda turbulenti u karatterizzata b' nuqqas ta' commitment da parti tal-konvenut li kien aktar mohhu fil-hbieb tieghu milli fir-relazzjoni ta' bejniethom. Tghid li peress li l-attrici kienet ghal certu zmien impenjata bix-xoghol u bl-istudji taghha, il-konvenut, allura gharus, kellu aktar hin liberu mal-hbieb tieghu, u tilmenta li fil-hin li

[1] Fol.35 *et seq.*

kienu jqattghu flimkien ma kienx ikun hemm komunikazzjoni tajba.

Izda hija kienet thobbu lill-konvenut u ghalhekk baqghet ghaddejja bir-relazjoni u fit-18 ta’ Novembru 1999 il-partijiet izzewgu. L-attrici tirrakkonta li sa mill-bidunett taz-zwieg, anke fil-honeymoon, il-konvenut kien ihossu mdejjaq maghha biss tant li fil-honeymoon kien qallha li ried jinzel Malta. L-attrici tirrakkonta incidenti li nqalghu waqt il-konvivenza matrimonjali li juru egoismu qawwi da parti tal-konvenut u l-insensittivita’ tieghu ghall-bzonnijiet ta’ martu. L-attrici tghid li l-konvenut kien jagixxi hekk “Ghax hu kien imdejjaq bil-hajja mizzewga, hu l-hin kollu mal-hbieb, kien imdejjaq hafna” u ta’ sikwit kienu jmorru ghall-counselling ghand Fr.Charles Said li eventwalment irreferihom ghand il-Psikologa Mariella Blackman. Ir-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom ma’ kienux spissi, u dejjem saru bil-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma jkollhomx tfal.

Minn naha tieghu l-konvenut jichad certu aspetti tal-versjoni attrici, izda jammetti li fil-bidu taz-zwieg “speci ma stajtx nidra certu affarijiet 100%”  Huwa jispjega li kien imdorri li wara x-xoghol jara lill-hbieb tieghu u kien jaghmel il-kazin sa xi l-11.00pm mal-hbieb. Huwa jammeti li wara z-zwieg kien baqa’ b’ din l-istess hajja u jhalli lil martu wahedha “sal-ghaxra u nofs, il-hdax” filwaqt li hu ikun “il-kazin, nilghabu l-billiard”.  Jammetti wkoll li fl-argumenti li kien ikollu ma’ martu hu kien jghajjat, izda ma kienx jerfa’ idejh fuqha.

Ir-Reverendu Charles Said fl-affidavit[2] tieghu jghid li hu kien ilu nvolut bhala sacerdot u bhala counsellor sa mill-bidu nett. Huwa jghid li “il-commitment [tal-konvenut] lejn ir-relazzjoni kienet dghajfa … il-priorita’ tieghu kienet aktar lejn il-hbieb u l-hrug maghhom milli lejn ir-relazzjoni ma’ A.”  Jghid ukoll li: “Fuq certu livell, C kien jipprova jaddatta ghal din ir-relazzjoni, imma kien isibha difficli wisq.” Ix-xhud jghid li “in-nuqqas ta’ ftehim, hrug tard bil-lejl minn C, nuqqas ta’ fiducja u sincerita’” kienu fost l-fatturi li wasluh

[2] Fol.26 *et seq.*

sabiex ikollhom sessjonijiet individwali mal-partijiet." Jghid li: "waqt sessjoni ndividwali ma' C qalli li z-zwieg kien qieghed johonqu wisq, u li din il-hajja ta' zwieg ma tghoddx ghalih. Beda jhoss li r-rabta kienet qed taghmlu imdejjaq u kienet wisq pressure fuqu." Jghid li f' dawn ic-crikostanzi "A kienet qed tbati minn psychological abuse qawwi."

Il-Psikologa Mariella Blackman li segwiet u kellmet lill-partijiet ghal perijodu ta' sentejn, tikkonkludi fir-rapport taghha li "il-fatt illi l-inkapacita' li C D jassumi d-dmirijiet tieghu taz-zwieg, kienet wahda mill-fatturi principali li wasslet ghas-separazzjoni psikologika tal-koppja." Filwaqt li tosserva li l-attrici harget bhala persuna li "dejjem kienet konsistenti u 'reliable' f' ghemilha waqt is-sessjonijiet psikologici".

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponi u hija aktar propensa li tghati affidament lill-versjoni tal-fatti kif esposti mill-attrici.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat da parti tal-konvenut li, mill-provi jirrizulta manifest, li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja matrimonjali fis-sens li huwa ma gharafx u ma fehemx l-import tal-hajja konjugali bir-rizultat li mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali huwa kien qed juri diffikulta' kbira sabiex jirrelata ma' l-attrici bhala martu, u jaccetta l-unjoni li dahal fiha bhala wahda bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. L-egoizmu tieghu kien tali li mpedih milli jkollu relazzjoni shiha ma' l-attrici, kemm bhala gharusa tieghu, kif ukoll sussegwentement bhala martu. Jrrizulta li huwa kien jippreferi l-kumpanija tal-hbieb tieghu, milli jkun wahdu ma' martu biex isahhah ir-relazzjoni maghha. Il-konvenut ma' kellux commitment fiz-zwieg, u l-egoizmu tieghu kien ta' ostakolu kbir f' dan ir-rigward.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null fil-ligi ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, attribwibbli unikament lill-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici fit-termini taghha; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-18 ta’ Dicembru 1999. L-ispejjez jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------